Mill-President
Henry B. Eyring
L-Ewwel Kunsillier
fl-Ewwel Presidenza

Huwa Qam mill-Mewt

Testimonjanza tar-realtà tar-Reżurrezzjoni ta' Ġesù Kristu hija kemm sors ta' tama kif ukoll ta' determinazzjoni. U dan japplika għal ulied Alla kollha. Jiena ħassejt dan f'jum sajfi f' Ġunju 1969 meta mietet ommi; bqajt inħossni hekk minn dak inhar sallum, u nibqa' nħossni hekk sakemm nerġa' naraha għal darb'oħra.

In-niket li kont ħassejt meta ġejna temporalment mifrudin malajr inbidel f'ferħ. Kien ferm aktar milli sempliċement tama li b' ferħ kbir sa nerġgħu niltaqgħu. Peress li l-Mulej żvelalna bosta ħwejjeġ permezz tal-profeti Tiegħu u peress li l-Ispirtu s-Santu kkonferma miegħi l-verità tar-Reżurrezzjoni, nista' nara f' moħħi kif sa jkun il-mument meta aħna nerġgħu ningħaqdu mal-maħbubin mqaddsa tagħna imqajmin mill-imwiet:

"Dawn huma dawk li għandhom iqumu fir-Reżurrezzjoni tal-ġusti. . . .

"Dawn huma dawk li isimhom huwa mnaqqax fis-smewwiet, fejn Alla u Kristu huma mħallfin fuq kulħadd.

"Dawn huma dawk il-bnedmin ġusti li ġew ipperfezzjonati permezz ta' Ġesù, il-medjatur tal-patt il-ġdid, li ġab fis-seħħ dan l-Att tal-Fidwa perfett meta xerred demmu għalina" (D&C 76:65, 68–69).

Peress li Ġesù Kristu kisser irbit il-mewt, ulied Missierna tas-Smewwiet kollha li twieldu f' din id-dinja sa jerġgħu jqumu b' ġisem li ma jmut qatt. Għalhekk it-testimonjanza tiegħi u tagħkom ta' din il-verità glorjuża tista' tagħlaq għal dejjem il-ferita tat-telfa ta' dak il-membru għażiż tal-familja jew ta' dak il-ħabib għażiż tagħna, u postha jittieħed minn antiċipazzjoni kollha ferħ u determinazzjoni ferma.

Il-Mulej tana lkoll ir-rigal tar-reżurrezzjoni, fejn l-ispirti tagħna jitpoġġew f' iġsma meħlusa minn kull imperfezzjoni fiżika (araAlma 11:42–44). Ommi sa tkun tidher żagħżugħa u kollha ħajja, u minn fuqha sa jisparixxi l-effett tax-xjuħija u ta' snin twal ta' sofferenza fiżika. Dan kollu sa jingħata lilha u lilna bħala rigal.

Iżda dawk fostna li jixtiequ jkunu hemmhekk magħha għal dejjem għandhom jagħmlu ċerti għażliet li jikkwalifikawhom biex ikunu ħdejha, biex huma jgħammru fil-glorja mal-Missier tas-Smewwiet u ma' Ibnu l-Għażiż imqajjem mill-imwiet. Dak huwa l-uniku post fejn il-ħajja tal-familja tista' tkompli għal dejjem. Testimonjanza ta' din il-verità kabbret id-determinazzjoni tiegħi sabiex nagħmel dak kollu li nista' sabiex jiena u l-maħbubin tiegħi nikkwalifikaw għall-ogħla livell tas-saltna ċelestjali billi nħallu l-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu jaħdem f' ħajjitna (ara D&C 76:70).

Il-Mulej offrielna gwida fil-mixja tagħna lejn il-ħajja eterna fit-talb sagramentali biex Huwa jgħin kemm lili kif ukoll lilkom. Aħna ġejna mistednin sabiex

inġeddu l-patti tal-magħmudija tagħna f' kull laqgħa sagramentali.

Ġejna mwiegħda sabiex infakkru dejjem lis-Salvatur. Is-simboli tas-sagrifiċċju Tiegħu jgħinuna napprezzaw il-kobor tal-prezz li Huwa ħallas sabiex ikisser irbit il-mewt, joffrilna l-ħniena u jipprovdilna maħfra għad-dnubiet kollha tagħna, jekk aħna dejjem nagħżlu li nindmu.

Aħna għamilna l-wegħda li sa nibqgħu dejjem inżommu l-kmandamenti Tiegħu. Aħna nistgħu niftakru fil-patti li għamilna meta naqraw l-iskrittura u kliem il-profeti ħajjin u meta nisimgħu kelliema ispirati fil-laqgħat sagramentali tagħna. L-Ispirtu s-Santu jfakkarna u jgħinna nħossu liema huma dawk il-kmandamenti li l-aktar għandna bżonn inżommu f' dak il-jum partikolari.

Fil-laqgħat sagramentali, Alla wiegħed li jibgħat l-Ispirtu s-Santu sabiex ikun magħna (ara Moroni 4:3; 5:2; D&C 20:77, 79). Sibt li f' dak il-mument partikolari Alla jista' jagħmel miegħi dik li bħallikieku tkun intervista personali. Huwa jfakkarni x' għamilt jiena biex nogħġbu, il-bżonn li jien għandi biex nindem u nikseb il-maħfra, u f' moħħi jurini l-ismijiet u l-uċuħ ta' nies li jridni nservi.

Tul is-snin, dik l-esperjenza kontinwament bidlitli t-tamiet tiegħi f' sentimenti ta' karità u ġabet fija ċertezza li hemm lesta għalija l-ħniena permezz tal-Att tal-Fidwa u r-Reżurrezzjoni tas-Salvatur.

Nixhed li Ġesù huwa l-Kristu mqajjem mill-imwiet, u l-eżempju perfett u l-gwida tagħna għall-ħajja eterna.

GĦALLEM MINN DAN IL-MESSAĠĠ

Għandna "nippersonalizzaw l-iskrittura, sabiex permezz tagħha aħna nikbru u nitgħallmu" (1 Nephi 19:23). Ikkunsidraw li taqraw it-talb sagramentali, li ssibu f' Doctrine and Covenants 20:76–79. Wara li taqraw it-tagħlim tal-President Eyring dwar it-talb sagramentali, tistgħu tistiednu lil dawk li qed tgħallmu sabiex jaħsbu f' modi kif dan it-talb jista' jiggwidalhom ħajjithom u jgħinhom jerġgħu lura sabiex jerġgħu jgħixu ma' Missierna tas-Smewwiet u Ġesù Kristu.

ŻGĦAŻAGĦ

L-Intervista Personali Tiegħek ma' Alla

Il-President Eyring jgħallem li hekk kif nisimgħu t-talb sagramentali, aħna nistgħu nħossuna bħallikieku qed ikollna intervista personali ma' Alla. Il-President Eyring jaħseb fuq it-tliet erjas differenti li jissemmew hawn taħt. Ikkunsidra li tikteb dawn il-mistoqsijiet fid-djarju tiegħek u kull nhar ta' Ħadd matul dan ix-xahar tixtarr dwarhom. Inti u tixtarr u tirċievi l-ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, tista' tikteb ukoll dwar dak li inti tħoss fid-djarju tiegħek.

- X' għamilt jien li għoġob lil Alla?
- Minn xiex għandi nindem jew nitlob maħfra?
- Lil min iridni nservi Alla?

© 2013 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Printed in Germany. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/12. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/12.
Traduzzjoni ta' *First Presidency Message, April 2013*. Maltese. 10664 159

Il-Patti tat-Tempju

Permezz tat-talb studja dan il-materjal u, kif inhu xieraq, iddiskutih mal-aħwa li inti żżur. Uża l-mistoqsijiet sabiex jgħinuk issaħħaħ lil ħutek u biex tagħmel lis-Soċjetà tal-Għajnuna parti integrali minn ħajtek. Għal aktar informazzjoni, żur is-sit reliefsociety.lds.org.

Fidi, Familja, Għajnuna

"Huma jifhmu li l-ordinanzi tas-salvazzjoni li nirċievu fit-tempju, li jagħtuna ċ-ċans li xi darba nerġgħu lura għand Missierna tas-Smewwiet bħala parti minn familja eterna u li permezz tagħhom ningħataw l-għotja mqaddsa li tgħinna niksbu barkiet kbar u qawwa mis-smewwiet, jiswew kull sagrifiċċju u kull sforz min-naħa tagħna,"[1] qal il-President Thomas S. Monson. Jekk għadek ma mortx it-tempju, tista' tibda titħejji sabiex tirċievi l-ordinanzi sagri tat-tempju billi:

- Temmen fil-Missier tas-Smewwiet, f' Ġesù Kristu u fl-Ispirtu s-Santu.
- Tikkultiva t-testimonjanza tiegħek fl-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu u fl-evanġelju rrestawrat.
- Issostni u timxi wara l-profeta ħaj.
- Tikkwalifika għal rakkomandazzjoni tat-tempju billi tħallas id-dieċmi, iżżomm ruħek moralment nadif, tkun onest, iżżomm il-Kelma tal-Għerf u tgħix f' armonija mat-tagħlim tal-Knisja.
- Tagħti ħinek, it-talenti tiegħek u r-riżorsi tiegħek sabiex tgħin fil-bini tas-saltna tal-Mulej.
- Tipparteċipa fil-ħidma tal-istorja tal-familja.[2]

Barra minn hekk il-President Monson għallem, "Hekk kif niftakru fil-patti li nagħmlu [fit-Tempju], aħna nkunu kapaċi niffaċċjaw kull sfida u ngħelbu kull tentazzjoni."[3]

Mill-Iskrittura

Doctrine and Covenants 14:7; 25:13; 109:22

Mill-Istorja Tagħna

"Folla ta' aktar minn 5,000 Qaddis marru fit-Tempju ta' Nauvoo wara d-dedikazzjoni tiegħu. . . .

"Il-qawwa u l-barkiet tal-patti tat-tempju [sostnew] lill-Qaddisin tal-Aħħar Jiem tul il-vjaġġ tagħhom [lejn il-punent] meta huma [sofrew] minn kesħa, sħana, ġuħ, povertà, mard, aċċidenti u mewt."[4]

Bħal ħafna nisa mis-Soċjetà tal-Għajnuna, Sarah Rich serviet bħala ħaddiem tat-tempju. Hija tkellmet dwar l-esperjenza tagħha: "Li kieku ma kienx għall-fidi u l-għarfien li ġejna mberkin bihom ġewwa t-tempju permezz . . . tal-Ispirtu tal-Mulej, il-vjaġġ tagħna kien ikun bħal meta wieħed jaqbad jimxi fid-dlam. . . . Iżda aħna kellna fidi f' Missierna tas-Smewwiet, . . . sentiment li aħna konna l-poplu magħżul Tiegħu . . . , u minflok in-niket, ħassejna li kellna nifirħu li jum il-ħelsien kien fl-aħħar wasal."[5]

L-esodu ma kienx "pass fid-dlam" għan-nisa fidili Qaddisin tal-Aħħar Jiem. Huma ġew sostnuti permezz tal-patti tagħhom tat-tempju.

NOTI

1. Thomas S. Monson, "The Holy Temple—a Beacon to the World," *Liahona,* Mejju 2011, 92.
2. Ara *Daughters in My Kingdom: The History and Work of Relief Society* (2011), 21.
3. Thomas S. Monson, *Liahona,* Mejju 2011, 93.
4. *Daughters in My Kingdom,* 29–30.
5. Sarah Rich, f' *Daughters in My Kingdom,* 30.

X' Nista' Nagħmel?

1. Qiegħda mmur nagħti qima fit-tempju b' mod regolari?

2. Qiegħda nħeġġeġ lil ħuti sabiex jirċievu l-barkiet tat-tempju?

© 2013 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Printed in Germany.
Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/12. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/12. Traduzzjoni ta' *Visiting Teaching Message, April 2013*. Maltese. 10664 159